# META L-IRJIEĦ

Meta l-irjieħ jibdew jonfħu mix-xlokk
u l-gawwi jinbaram jingħi ġo ftuħ muġugħ
u l-mewġ jeqliel jeqliel
bħas-sħab nugrufun fl-isfond il-baħħ
ħallini ndemma għajnejja għajjiena
bil-ħsieb ilsir tal-bieraħ
ħallini mmelles xagħar it-tfajla sewdieni
jtir bħax-xtieli misterjużi ta' quddiemi.

Meta l-irjieħ jimirħu aktar fil-fond
u jiġru u jogħlew baħnana madwari
bħad-dgħajjes fil-beraħ marsusa
minn eku ta' għajta mbeżżgħa,
ħallini ngħajjat
u nċarrat ħalqi b'ritmu fferoċjat
bħal wieħed bħalhom
miġnun waħdu għatxan għall-imħabba mitlufa.

Imbagħ'd meta l-irjieħ jostru fiċ-ċpar
ta' lejla mudlama ħallini nkun
hemm ħusbien fis-sirda bajdanija
nistenna bħar-ruħ li mhix imwielda
'is-sikta ta' ġensi' titkellem imbikkma.

**MARIO F. BEZZINA.**